MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 64/2011

**Ivan Cauchi**
**(I.D. Nru. 7382 (G))**

**vs**

**Avukat Generali**

l-Qorti,

Rat ir-rikors promotur datat it-3 t’Ottubru, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament ippremetta s-segwenti:

1. Illi ghadda guri talli fix-Xewkija, Ghawdex, matul il-lejl tal-24-25 ta’ Frar, 2004:
i. Dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f’periklu car, ikkaguna l-mewt ta’ Elizabeth Cauchi;

ii. Ikkommetta serq ta' flus u oggetti li jiswew aktar minn elf Lira Maltin, (LM1,000.00), liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, (theddid bil-fomm ta' omicidju, sekwestru tal-persuna, offiza fuq il-persuna ta' eta` ta' aktar minn hamsa u sittin, (65), sena, hsara fil-proprjeta` u omicidju volontarju), bil-mezz, (ksur ta' gewwa jew ta' barra jew bi skalata, cioe` billi b'xi mod wiehed jixxabbat biex jitla' jew jinzel, jew ksur ta' mezz bhal dawn li qeghdin sabiex ma jhallux id-dhul f'dar jew f'lok iehor jew recint), bil-valur, u bil-persuna, (meta jsir mill-mistieden fid-dar fejn ikun milqugh bhala mistieden);

2. Illi fl-imsemmi guri l-Qorti Kriminali kienet astjeniet milli tippronunzja ruhha fuq l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza in vista tal-verdett tal-gurati fuq it-Tieni Kap u fl-istess waqt, iddikjarat lill-istess Ivan Cauchi hati talli fl-istess post u lejl fuq indikati kien komplici f'serq skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza bil-kwalifiki tal-vjolenza, konsistenti f'offiza ta' natura gravi fuq l-imsemmija Elizabeth Cauchi li biha grat il-mewt kif hemm indikata jew il-konsegwenza naturali tal-offiza u mhux ghal xi kawza accidentali u dan, fi zmien erbghin (40) gurnata mill-ahhar nofs il-lejl ta' qabel id-delitt, kif ukoll bil-kwalifiki l-ohra ta' sekwestru tal-persuna, tal-lok u tal-valur tal-oggetti misruqa li kien jeccedi l-elf Lira Maltin, (Lm1,000.00), izda minghajr il-kwalifiki l-ohra msemmija fit-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza u cioe`, dawk ta' vjolenza konsistenti f'theddid bil-fomm ta' omicidju, offiza fuq il-persuna ta' 'il fuq mill-eta` fuq indikata, hsara fil-proprjeta` u omicidju volontarju, kif ukoll, minghajr il-kwalifika tal-mezz u minghajr il-kwalifika tal-persuna;

3. Illi b-sentenza datata t-3 ta' Lulju, 2007, il-Qorti Kriminali kkundannatu ghal piena ta' ghoxrin (20) sena prigunerija, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appelli Kriminali b'sentenza tat-12 ta' Novembru, 2009;

4. Illi r-rikorenti jhoss li ma kellux smiegh xieraq fit-termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u dan sintetikament ghas-segwenti ragunijiet:

i. Illi bhala provi waqt il-guri gew prezentati d-depozizzjonijiet inkriminanti tar-rikorrenti u dawk tal-ufficcjali nvestigattivi li rrelataw dak li qalilhom l-istess rikorrenti Cauchi li wkoll jikkostitwixxu l-istqarrija tieghu;

ii. Illi meta r-rikorrenti de quo kien irrilaxxa dawn l-istqarrijiet, ma nghatax il-jedd li jikkomunika ma' avukat;

iii. Illi ghalhekk gie lez lilu d-dritt fundamentali u kostituzzjonali tieghu ghal smiegh xieraq;

iv. Illi ghalhekk l-imsemmija stqarrijiet – kemm dawk orali u dawk skritti – kienu inammissibbli bhala prova u qatt ma kellhom jintwerew lill-gurati bhala prova;

v. Illi bhala konsegwenza l-istess ufficcjali nvestigattivi qatt ma kellhom jithallew jirrepetu l-istqarrijiet verbali rilaxxati mill-imsemmi Cauchi fil-kors tal-investigazzjoni;

vi. Illi in effetti jirrizulta li r-rikorrenti kien irrilaxxa s-segwenti stqarrijiet:

a. L-ewwel, datata s-6 ta' Marzu, 2004;

b. Ohra datata t-8 ta' Marzu, 2004;

c. Ohra datata l-15 t'Awwissu, 2004;

vii. Illi fit-tlett (3) okkazjonijiet fuq hawn indikati, r-rikorrenti ma nghatax il-fakulta` li jikkonsulta m'avukat ta' fiducja tieghu;

viii. Illi stqarrijiet orali tal-istess rikorrenti jemergu mix-xhieda tal-ufficcjali nvestigattivi;

ix. Illi dawn il-provi nfluwenzaw il-verdett u b'hekk, ir-rikorrenti ma seta' qatt ikollu smiegh xieraq;

Illi tenut kont tas-suespost, l-imsemmi rikorrenti talab lil din il-qorti biex:

1. Tiddikjara li l-process gudizzjarju li ghadda minnu fil-guri fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Ivan Cauchi hu leziv tad-drittijiet kostituzzjonali u fundamentali tieghu kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

2. Thassar u tannulla l-verdett tal-gurija u s-sentenza kemm tal-Qorti Kriminali, kif ukoll tal-Qorti ta' l-Appelli Kriminali, fuq riferiti;

3. Taghti dawk il-provedimenti u ordnijiet li jidhrilha xierqa biex jigu sanciti u salvagwardati d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tar-rikorrenti;

Rat ir-risposta tal-intimat datata d-9 ta' Dicembru, 2011, li permezz taghha sintetikament gie rilevat is-segwenti:

1. Illi preliminarjament ghandhom jigu allegati l-atti rilevanti tal-procedura kriminali ndikati mir-rikorrenti;

2. Illi l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante:

i. Illi nonostante s-sentenzi gia` pronunzjati kemm mill-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta u mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-mertu simili ghal dak hawn sollevat, hu assodat li nonostante l-istess decizjonijiet l-ebda Qorti ma stabbiliet bhala principju universali li n-nuqqas t'assistenza legali waqt interrogazzjoni awtomatikament iggib maghha lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

ii. Illi fil-kazijiet riferiti mill-istess rikorrenti l-qrati ghamlu analizi partikolarizzata tac-cirkostanzi kollha tal-kazijiet de quo u kien biss wara tali ezami tal-assjem tac-cirkostanzi tal-kaz li l-qrati waslu ghall-konkluzjoni li

f’dawk il-kazijiet in partikolari n-nuqqas t’assistenza legali waqt l-interrogazzjoni kien leziv tad-drittijiet umani tal-akkuzat in kwistjoni;

3. Illi l-kaz odjern hu ferm differenti minn dawk riferiti fil-kawzi ndikati fil-paragrafi precedenti u ghalhekk, m’ghandu jirrizulta l-ebda ksur ta’ drittijiet fundamentali tar-rikorrenti Cauchi;

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, inghad ukoll u dan hu ormai “*res judicata*”, li d-dritt ghas-smiegh xieraq irid jigi evalwat fir-rigward tat-totalita` tal-proceduri kollha u mhux biss fir-rigward ta’ mument partikolarizzat u specifiku kif qed jipprova jaghmel ir-rikorrenti fil-procedura odjerna;

5. Illi r-rikorrenti b’ebda mod ma kien **imgieghel** jaghti l-istqarrijiet tieghu lill-Pulizija u meta ghamel hekk kien moghti d-debita twissija skont il-ligi senjatament:

i. Illi ma kienx obbligat jirrilaxxa stqarrija;

ii. Illi seta` jirrilaxxa l-istqarrija kemm –il darba kien hekk jixtieq li jaghmel hu;

iii. Illi dak li kien ser jghid kien jista’ jingieb bhala prova kontra tieghu;

iv. Illi di piu`, fl-istess stqarrijiet tieghu lill-Pulizija, r-rikorrenti kien ukoll iddikjara li kien qieghed ukoll jifhem l-import tac-cirkostanzi li kien jinsab fihom;

6. Illi kien hemm ukoll xhieda u cirkostanzi ohra li kkorraboraw il-kaz kontra r-rikorrenti;

7. Illi matul l-2004 r-rikorrenti kien gie arrestat diversi drabi mill-Pulizija fejn wara l-arrest kien gie rilaxxat u allura kellu kull opportunita` jikkonsulta ma’ avukat ta’ fiducja – kif fil-fatt ghamel;

8. Illi nonostante dan, wara diversi arresti u intervisti, ir-rikorrenti ghazel li jammetti r-reat lilu addebitat;

9. Illi di piu`, r-rikorrenti kien ukoll assistit minn ghajnuna legali tul il-proceduri legali u kien l-istess rikorrenti li liberament ghazel li jixhed tul il-guri tieghu fejn bazikament ikkonferma u spjega l-istqarrijiet minnu qabel rilaxxati;

10. Illi fl-ebda waqt m'attakka l-validita` jew il-volontarjeta` tal-istqarrijiet minnu rilaxxati u fl-ebda waqt ukoll m'oppona ghall-prezentata tal-istess fl-atti li ssuccedewhom;

11. Illi hu biss issa, wara li ghadda dan iz-zmien kollu li r-rikorrenti qed jallega l-imsemmija vjolazzjonijiet;

12. Illi tali trapass ta' zmien allura jirrendi din il-procedura **frivola u vessatorja** stante l-allegazzjonijiet jirrizultaw allura fierha; infondati; intempestivi u ntizi li jifthu materja li gia` ghaddiet in gudikat;

13. Illi di piu`, kif sostenut mid-decizjonijiet riferiti mill-intimat fl-istess risposta tieghu hawn indirizzata, il-gurisprudenza fir-rigward m'ghandhiex ikollha effett retroattiv fejn jirrigwarda kaz li gia` ghadda in gudikat u f'dawk il-kazijiet fejn l-istqarrijiet in dizamina nghataw qabel id-decizjoni tal-Qorti Ewropea hemm riferita, kemm –il darba dawn kienu skont il-ligi u l-gurisprudenza vigenti;

14. Illi effettivament, id-drittijiet rikjamati tar-rikorrenti qatt ma gew lezi fil-proceduri kriminali in dizamina;

15. Illi fuq kollox, ir-rimedju hawn rikjamat mir-rikorrenti mhux gustifikat;

16. Illi ghaldaqstant, it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti datat it-18 t'April, 2012, fejn wara li pprezentat nota kontenenti diversi dokumenti, minnha maghzula, ghalhekk mhux id-dokumentazzjoni relattiva kollha rigwardanti l-vertenza de quo, iddikjarat li m'ghandhiex provi ohra x'tipproduci;

Rat in-nota tal-intimat datata s-16 ta' Mejju, 2012, li permezz taghha ddikjara li m'ghandux provi xi jressaq;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet rispettivament datati l-14 ta' Gunju u s-26 ta' Gunju, it-tnejn tal-2012;

Rat il-verbal tal-5 ta' Lulju, 2012, li permezz tieghu l-abbli rapprezentanti legali tal-intimat talbet li tigi awtorizzata tipprezenta nota ta' referenzi flimkien ma' zewg (2) sentenzi;

Rat id-digriet taghha tal-istess data ndikata fil-paragrafu precedenti li permezz tieghu awtorizzat lill-istess rapprezentant legali tezegwixxi dak li talbet fiz-zmien lilha hemm koncess u awtorizzat lir-rapprezentant legali tar-rikorrenti biex tipprezenta r-reazzjoni taghha ghall-istess fit-terminu hemm lilha wkoll koncess;

Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-lanjanza in dizamina tista' tigi sintetikament riprodotta bil-mod segwenti:

1. Illi r-rikorenti ghadda guri fost affarijiet ohra ghall-omicidju volontarju taz-zija tieghu Elizabeth Cauchi li kien sehh fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Frar, 2004, u li kien konkluz bis-sentenza tal-Qorti Kriminali konducenti l-istess procedura bis-sentenza taghha datata t-3 ta' Lulju, 2007;

2. Illi sussegwentement, din is-sentenza kienet giet ikkonfermata fl-appell b'sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali datata t-12 ta' Novembru, 2009;

3. Illi permezz tal-procedura odjerna ntavolata mas-sentejn wara l-konkluzjoni definittiva tal-procedura in dizamina qed jigi allegat mir-rikorrenti li:

i. Gew lilu lezi d-drittijiet fundamentali tieghu a tenur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u dan, bi ksur tal-istess Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni ta' Malta;
ii. Dan ghaliex ma nghatax l-opportunita` jikkonsulta ma' avukat qabel ma rrilaxxa l-istqarrijiet tieghu lill-Pulizija tul l-investigazzjonijiet taghhom fir-rigward;

Ikkunsidrat:

Illi dan qed jigi issa lamentat mir-rikorrenti ghaliex tul il-proceduri fuq indikati l-prosekuzzjoni bbazat ruhha fuq dak li l-istess rikorrenti kien qal lill-Pulizija nvestigattiva tul l-investigazzjonijiet taghha, fejn l-istess rikorrenti ma nghatax id-dritt li jikkomunika ma' avukat;

Illi ghalhekk ir-rikorrenti qed isostni li kemm l-istqarrijiet minnu rilaxxati, kif ukoll ix-xhieda tal-pulizija fir-rigward, huma kollha nkwinati, u allura, bi vjolazzjoni tal-Konvenzjoni u Kostituzzjoni fuq imsemmija;

Ikkunsidrat:

Illi ezami tad-dokumentazzjoni pprezentata mill-istess rikorrenti rigwardanti l-istqarrijiet u "*audio recordings*" minnu rilaxxati jizvela s-segwenti:

1. Illi fid-diversi stqarrijiet rilaxxati mir-rikorrenti lill-pulizija nvestigattiva jirrizulta dejjem verbalizzat li r-rikorrenti nghata d-debita twissija li ma kienx obbligat jitkellem sakemm hu stess ma jkunx volontarjament jixtieq jaghmel hekk, u dak li jghid seta' jingieb bi prova kontra tieghu;

2. Illi di piu`, wara li gew redatti l-istess stqarrijiet jirrizulta mill-istess dokumentazjoni pprezentata mir-rikorrenti, li wara li l-istess giet lilu moqrija, jikkonferma wkoll li biex jirrilaxxa l-istqarrijiet de quo ma kienx gie mhedded jew imbezza' jew imwieghed jew imwebbel b'xi vantaggi ghalih;

3. Illi f'kull kaz, jirrizulta wkoll assodat li dan hawn espost fiz-zewg paragrafi precedenti hu kkonfermat mill-istess rikorrenti personalment billi jattesta l-firma tieghu kemm fil-bidu kif ukoll fil-konkluzjoni tal-istqarrijiet tieghu;

Ikkunsidrat:

Illi d-diffikulta` principali riskontrata biex tintlahaq konkluzjoni a bazi ta' analizi komplet tal-fatti kollha in ezami hu l-fatt li jirrizulta s-segwenti:

1. Illi ghalkemm qed jigi allegat ksur serju tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni fuq riferiti, ir-rikorrenti ghazel li jkun tassew xhieh u konservattiv fil-fatti li jesponi lil din il-qorti;

2. Illi d-dokumentazzjoni minnu pprezentata hi kirurgika u mhux intiera;

3. Illi dan ma jippermettix lil din il-qorti taghmel dak l-analizi profond li tali allegazzjonijiet jimmeritaw;

Illi konsiderazzjoni tas-suespost allura mill-ewwel jippregudika l-pozizzjoni tar-rikorrenti stante li abbazi tal-principju li 'min jallega jrid jipprova', r-rikorrenti ma jirrizultax li esebixxa l-fatti kollha fil-pussess tieghu ghall-iskrutinju ta' din il-qorti ghaliex jidher li ghazel li jipprezenta parti minima tal-atti kollha in dizamina u fl-istess waqt jippretendi li din il-qorti tiskarta dak kollu

minnha hekk mistur u tistrieh biss fuq dak minnu lilha pprezentat;

Illi ghandu jkun pacifiku ghar-rikorrenti li l-procedura gudizzjarja mhix xi loghba ta' xi illuzjonista stante li hawn hekk il-partijiet ghandhom l-obbligu li jigu l-qorti b'idejhom nodfa, ghaliex altrimenti jirrendu l-process gudizzjarju monk u dan, bi pregudizzju ghall-istess interess li huma jkunu qed jippersegwixxu;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jkun pacifiku, anke fid-dawl tas-sentenzi citati mill-abbli rapprezentanti legali tal-intimati li a skans ta' ripetizzjoni inutili mhux qed jigu citati hawn, hu kjarament stabbilit li:

" … l-fatt li persuna ma tkunx assistita minn avukat ma jwassalx ghal ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu u biex ikun hemm ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jrid jigi kkunsidrat il-process gudizzjarju kollu u mhux jigu kkunsidrati l-istqarrijiet "*in isolation*";

Illi in effetti li gara f'din il-procedura hu li l-qorti qed tigi mistiedna taghmel recensjoni ta' muzajk ta' kobor konsiderevoli izda qed tigi mistiedna fl-istess hin tezamina kastell wiehed biss biex taghmel dan;

Illi ghalhekk, ghandu jkun ovvju, li tali ezami qatt ma jista' jkun la korrett u lanqas affidabbli, u konsegwentement zgur inutili;

Ikkunsidrat:

Illi mill-atti esebiti u mis-sottomissjonijiet prodotti jirrizulta li hadd mill-kontendenti ma ghamel lanqas accenn li r-rikorrenti kellu xi lment fir-rigward tal-vertenza hawn sollevata tul il-procedura kollha in dizamina li effettivament tkopri s-segwenti fazijiet:

i. L-investigazzjoni tal-Pulizija;

ii. L-investigazzjoni Magisterjali;

iii. Il-Kumpilazzjoni Istruttorja;

iv. Il-Guri;

v. L-Appell;

Illi ghalhekk tul dan il-perjodu kollu, attwalment minn Frar, 2004, sa Novembru 2009, ir-rikorrenti dejjem hassu adegwatement tutelat u qatt ma qajjem l-ebda kwistjoni fir-rigward;

Illi mhux hekk biss, talli jirrizulta anke mid-dokumentazzjoni parzjali prodotta fl-atti odjerni, ir-rikorrenti kkonferma l-istqarrijiet de quo in dizamina mhux biss lill-Pulizija; Ufficcjali Gudizzjarji u Qrati fuq riferiti, izda anke lil terzi estranei, ghalkemm membri tal-familja tieghu – senjatament lill-missieru stess;

Ikkunsidrat:

Illi di piu`, in vista tas-suespost, ghandu jkun pacifiku li l-isqarrijiet de quo dejjem jirrizultaw li kienu volontarjament u liberament rilaxxati mir-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-assenza ta’ avukat rikjamata mir-rikorrenti ghandu jinghad is-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti jirrizulta li kien assistit minn avukat ghall-ghajnuna legali fil-kors kollu tal-procedura kriminali;

2. Illi pero`, f’din il-fazi tal-procedura din l-assistenza tidher stramba meta wiehed jikkonsidra li meta r-rikorrenti kien ghadu fi stat ta’ liberta` u xellef difrejh mal-gustizzja ma kellux il-mezzi finanzjarji necessarji u

ghalhekk inghata l-assistenza legali dovuta, u issa li qieghed jiskonta l-piena li gie akkollat biha, jaffordja li jhallas ghal dan is-servizz minn butu;

3. Illi ghandu jkun pacifiku li hawn xi haga li ma tinkwadrax u li timmerita mhux biss approfondament, izda anke revizjoni tal-istess istitut tal-ghajnuna legali li jippermetti tali anomaliji;

4. Illi dan qed jigi hawn rilevat ghaliex ic-cittadin inerm li jhallas minn butu ghal dan is-servizz jimmerita t-tutela dovuta fir-rigward;

Ikkunsidrat:

Illi kif gie rilevat ukoll mill-abbli rapprezentant legali tal-intimat fis-sentenzi minnha citati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, li wkoll ai fini ta' sintesi biex jigi evitat dilungar inutili qed issir biss referenza ghall-istess, il-kawzi hemm citati jistabbilixxu s-segwenti:

" … id-dritt ta' avukat ma nholoqx bis-sentenzi ricenti li tat il-Qorti Kostituzzjonali. Dan id-dritt kien jezisti fiz-zmien li ttiehdu l-proceduri kriminali, meritu ta' din il-kawza kontra r-rikorrent, u jekk dan ta' l-ahhar ma nvokax dak id-dritt fiz-zmien opportun, **ma jistax issa … jinvoka dan id-dritt. Ir-rikorrent, wara li rrilaxxa l-istqarrija, kellu kull opportunita` jikkontesta l-istess quddiem dik il-Qorti**", (emfasi ta' din il-qorti diversament preseduta);

Illi ghalkemm tul il-perjodu ta' hames (5) snin fuq riferiti li r-rikorrenti kellu biex jippromwovi r-rimedju minnu llum vantat, jirrizulta li ghazel li ma jaghmel xejn hlief li jqajjem il-kwistjoni wara li kollox kien gie regolarment processat u ghadda in gudikat;

Ikkunsidrat:

Illi f'dan ir-rigward ghandu jinghad li l-principju kardinali fir-rigward hu dak sancit fil-massima:

"res judicata pro veritate habetur";

Illi kif ritenut fil-kaz Dr. Herrera noe vs Cassar noe mill-Qorti tal-Appelli Kummercjali, datata l-5 t'Ottubru, 1992:

" … l-'*exceptio rei judicatae*' ghandu bhala fundament il-fatt ta' l-interess pubbliku, u wkoll ghaliex '*interest re publicae ut sit finis litium*'. Sentenza li ghaddiet '*in gudicat*', jigifieri li ma tistax tappella minnha izjed, hija mizmuma bhala tajba u sewwa u tal-haqq – '*res judicata pro veritate habetur*' – jigifieri l-fundament ta' l-'*actio*' u tal-'*exceptio judicati*" hija preskrizzjoni legali u ghalhekk hija '*strictissimae interpretationis*';

Illi ghalhekk l-effett retroattiv ta' sentenza hu eskluz ghal dawk il-kazijiet li jkunu gew decizi b'mod finali;

Illi kif jirritjenu l-Harris, O'Boyle u Warbrick f'"Law of the European Convention on Human Rights", Oxford University Press, 2009, p.269:

"The right to a fair hearing also requires that, in accordance with the principles of res judicata, the judgement of the final court that decides a case should be irreversible, in accordance with the principle of legal certainty";

Ikkunsidrat:

Illi in relazzjoni ghall-kwistjoni naxxenti mill-izvilupp riskontrat wara d-decizjoni tal-Qorti Ewropea ta' Strassburgu wara s-sentenza Salduz ghandu jigi ribadit dak li l-Qorti Kostituzzjonali enuncjat fil-kaz **Il-Pulizija vs Lombardi** tat-12 t'April, 2011, meta stabbiliet li l-gurisprudenza ta' din il-qorti:

" … m'ghandhiex ikollha effett retroattiv u taffettwa dawk id-decizjonijiet li llum huma '*res judicata*'. Din hi l-istess linja li hadet il-Qorti Ingliza fil-kaz ta' Cadder … "The retrospective effect of a judicial decision is excluded from cases that have finally been determined";

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, din il-qorti wara li ezaminat ic-cirkostanzi kollha kif fuq sintetikament rilevat, filwaqt li takkolji r-risposti kollha tal-intimat Avukat Generali, tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti Ivan Cauchi, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

___________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------